San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 50 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**il-Gimgha 24 ta' Ottubru 2014 fil 5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Raymond Tabone | Sindku |
| 2 | Graziella Galea | Kunsilliera |
| 3 | Jane Chircop | Kunsilliera |
| 4 | Anne Fenech | Kunsilliera |
| 5 | Mario Buhagiar | Kunsillier |
| 6 | Robert Piscopo | Kunsillier |
| 7 | Oliver Mallia. | Kunsillier |
| 8 | Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| 9 | Mario Salerno | Kunsillier |

**Skuzat/a**

| | | |
|---|---|---|
| 10 | Peter Abela | Kunsillier |
| 11 | John Bray | Kunsillier |
| 12 | Daniel Grima | Kunsillier |
| 13 | Alex Bezzina | Kunsillier |

**Frans Chircop** Segr. Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

Il-laqgha bdiet fis-1800.
Is-Sindku Raymond Tabone rringrazzja lill kulhadd tal-attendenza u beda biex issospenda l-agenda biex ir-raprezentant ta' Blues Ltd ikun jista' jipprezenta tabella gdida bl-ismijiet tat-toroq.

1807 - Il-laqgha kompliet b'diskussjoni qasira fuq l-istess tabelli fejn gie deciz li ghandna mmoru ghall-dawn it-tabelli bl-ismijiet tat-toroq u bhala kumpens ghandhom jehlu tabelli b'xejn ghall-uzu tal-Kunsill.

**Korrezzjonijet tal-minuti.** Graziella Galea gibdet l-attenzjoni li fuq il-laqgha ta' konsultazzjoni ma' kienitx harget id-data tal-laqgha. Qalet ukoll li ma taqbilx li l-kmamar fejn il-ground tal-football tas-sirens isiru ufficini.

1. **Approvazzjoni tal-minuti.**
   Billi l-minuti tal-laqgha precedenti gew cirkulati minn qabel, dawn ittiehdu bhala moqrija u korretti. Il-minuti gew approvati minn dawk kollha prezenti.

---

**Punti li johorgu mill-minuti**

2. **Sub- Office tal-Kunsill.**
   Is-Sindku Raymond Tabone qal li l-Kunsill ghadu qieghed jistenna risposta minghand id-dipartiment biex ikun jista' jopera s-Sub Office fil-pjazza ta' Bugibba. Fuq din l-inizjattiva hemm qbil unanimu biex jinfetah is-sub office u jkun hemm skrivana tal-MTA bhala tourist office. Fuq ta' l-ahhar qeghdin isiru diskussjonijiet mall-MTA biex tigi mistharrga din il-possibilta..

3. **Karozzi u dghajjes abbandunati.**
   Is-Sindku Raymond Tabone spjega li beda l-process biex jitnehhew karozzi abbandunati kif ukoll dghajjes mkissrin u karrijiet fin-naha tal-Gillieru kif ukoll tal-Vecca u postijiet ohra. Dawn ser jitpoggew temporanjament fil-parkegg ta' wara s-Santana u minn wara xahar kif titlob il-ligi jitnehhew. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar oggezzjonat ghal fatt li ser jitpoggew fil-Qawra. Is-segretarju spjega li din hija mizura temporanja sakemm jghaddi z-zmien kif mitlub bil-ligi.

4. **Bankini godda.**
   Is-Sindku Raymond Tabone qal li beda x-xoghol ta' kostruzzjoni fuq diversi bankini godda fil-lokalita taghna.

5. **Bye-Laws.**
   Is-Sindku qal li ghaddew il-minuti tal-laqgha pubblika li kienet saret fuq il-bye-laws lill avukat biex jigu notati l-kummenti tan-nies kif ukoll ghandhom jizdiedu s-suggerimenti tal-Kunsill. Kif ikunu lesti minghand l-avukat dawn jerga' jinghataw lill Kunsilliera halli mbaghad jintbghatu ghall-approvazzjoni.

6. **Laqgha mall-bdiewa tal-Pwales..**
   Is-Sindku Raymond Tabone spejga li ghalkemm ga saret laqgha mall-bdiewa tal-Pwales minhabba l-problema tar-riserva fis-Simar l-ahjar li jsir huwa li jmur surveyor fuq il-post biex naraw jekk hux possibli jsir kanal ghall-ilma tax-xita li jinzel bil-konsegwenza li l-ghelieqi taghhom ma' jkunx possibli li jinhadmu aktar.

7. **Triq il-Mosta.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li bhalissa qed nistennew il-Perit jibghat risposta minghand is-survveyor. Kif ikollna l-informazzjoni ta' kif jista' jsir dan il-progett issir laqgha pubblika u tinghata l-informazzjoni kemm lill kunsilliera kif ukoll lir-residenti.

8. ***Roundabout*** **- Mary Doris Zarb u parkegg gdid quddiem il-Harmony Kiosk.**
Gie spjegat li kif kienu tqassmu l-pjanti li l-Kunsill ghazel biex isir aktar parkeg fi Triq Mary Doris Zarb u kien gie mistoqsi jekk tghaddix tal-linja jew coaches tat-turisti, kellna konferma minghand il-perit li dawn ikunu jistghu jghaddu. Kien hemm qbil unanimu biex immexxu fuq din l-inizjattiva halli jkunu zviluppati dawn il-parkeggi godda. Il-Kunsilliera Jane Chircop qalet li hemm il-htiega li jkun hemm parkegg ghan-nies bi bzonnijiet specjali. Kien hemm qbil unanimu li jibdew dawn il-progetti

9. **Tizjin tal-Milied.**
Is-Sindku Raymond Tabone spjega li ser jintrama bhas-sena l-ohra bl-ghajnuna tal-kumitat tal-festa. Mandy Buhagiar ipproponiet li ssir attivita tal-Milied quddiem is-Santana fil-Qawra. Ghall dan il-ghan hija talbet biex tohrog ittra biex titlob il-partecipazzjoni tal-hwienet halli jghinu f'din l-inizjattiva. Kien hemm qbil fuq dan u ghaldaqstant gie deciz li jintefqu circa €1500 ghall quddiem is-Santana u €2000 ghall-attivitajiet quddiem il-pjazza. Mandy Buhagiar ser tiehu hsieb l-organizzazzjoni tal-Qawra u Anne Fenech ser tiehu hsieb l-organizzazjoni tal-pjazza.

10. **Fuljett tal-Kunsill.**
Is-Sindku talab lill-kunsilliera biex jibghatu l-kontribut taghhom ghall-fuljett tal-Kunsill li ser johrog ghaz-zmien tal-Milied. Dan ghandu jsir sa' nofs Novembru biex ikun jista' jitqassam fil-hin.

*Fis-1900 dahal fil-laqgha l-Kunsillier Mario Salerno*

11. **Devoluzzjoni tal-kmamar tal-Gvern hdejn il-ground tas-Sirens.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li hemm il-hsieb li dawn il-kmamar –kemm ta' fuq kif ukoll t'isfel flimkien mal-ghalqa tal-madwar isiru devoluti lil Kunsill bl-iskop li jintuzaw bhala ufficcju tal-Kunsill, workshop taht u parkegg ghall-vetturi u l-ingenji tal-istess Kunsill. Dan fid-dawl li prezentament il-haddiema bi bzonnijiet specjali assenjati mal-Kunsill m'ghandhomx facilitajiet sanitarji kif ukoll ghall fatt li l-istess ufficini m'humiex daqshekk accessibli minhabba nuqqas ta' parkegg fejn il-Kunsill. Ittiehdet votazzjoni fuq din fejn kulhadd kien favur barra Robert Piscopo u Graziella Galea li astjenew. Anne Fenech ma' kienitx mall-mejda. Ghaldaqstant is-Sindku Raymond Tabone talab lis-segretarju biex jibda l-process tad-devoluzzjoni.

12. **Lattrini pubblici.**
Is-Sindku spjega li meta l-Kunsill kien ha d-decizjoni biex il-lattrini pubblici jigu privattizzati u kien ga hareg it-tenders necessarji kien twaqqaf mid-dipartiment ghax kien hemm il-hsieb li l-istess inizjattiva ssir fuq skala regjonali u tinkorpora z-zoni turistici kollha – taht il-kappa tal-MTA. Billi bhala Kunsill ghad m'ghandniex hjiel ta' meta ser isir dan il-kuntrattur kien twaqqaf u temporanjament qieghdin jitnaddfu b'direct order, is-segretarju ezekuttiv talab biex almenu sakemm ikollna risposta tingabar kwotazzjoni sakemm ikollna direzzjoni mid-dipartiment. Ghaldaqstant sar il-qbil li temporanjament immexxu bi kwotazzjoni.

13. **Korrispondenza**
**Timed Parking**
Is-Sindku Raymond Tabone talab is-sospensjoni tal-laqgha biex jitkellem perit f'isem Piscopo Cash and Carry supermarket. Il-perit spjega li huwa qed jitkellem f'isem il-hwienet kollha li hemm fejn Piscopo Cash and Carry u mhux ghas-supermarket biss. Huma talbu ghall hin ta' 90 minuta ta' timed parking fl-istess zona. Hemm 14 resident fl-istess triq. Il-hin ikun mit-8am sas-7pm. Il-Hadd sas-1300. Kompla jghid li t-tliet sidien tal-hwienet jaqblu fuq dan.

Is-Sindku Raymond Tabone rringrazzja lill Perit u tkompliet il-laqgħa billi saret diskussjoni zgħira fuq dan. Raymond Tabone għadda għall-vot u kien hemm qbil unanimu fuq it-timed parking.

14. **Tfajla bi bzonnijiet specjali assenjata mall-Kunsill.**
Inqrat ittra fejn il-Kunsill intalab jghin fl-inizjattiva sabiex tfajla bi bzonnijiet specjali tigi assenjat mall-Kunsill ghall perjodu ta' sitt xhur biex ikollha esperjenza fid-dinja tax-xoghol. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

15. **MEPA fuq boundary walls fil-lokalita.**
Is-Sindku qal li kellna ittra minghand il-MEPA li l-awtorita ma' tistax tobbliga lis-sidien tal-ghelieqi u plots mhux mibnija jekk ma' ghandhomx il-hsieb li jibdnu l-istess plots. Din ir-risposta inghatat lill Kunsill fid-dawl li s-segretarju ezekuttiv kiteb lill awtorita biex jinbnew hitan ma' plots mhux mibnija ghax kien qed kontinwament jintefa' kull tip ta' skart mal-lokalita kollha. Gie nnotat ukoll li skond l-ittra tindif f'dawn il-plots mitluqa' jaqa' taht il-kompetenza tal-Kunsill u mhux tal-MEPA.

16. **Ikla tal-Milied.**
Is-Sindku Raymond Tabone nforma lill Kunsill li l-ikla tal-Milied ser issir fi stabbiliment f Tas-Sliema. Il-Kunsillier Robert Piscopo qal li huwa ma' jaqbilx li rigali li jigu l-Kunsill jittiehdu individwalment imma li ghandhom jitqassmu bejn l-iskrivani kollha u ma' naccettawx rigali personali. Is-Sindku Raymond Tabone qal li rigali mhux suppost jigu accettati. .

17. **Tender tal-Accountant tal-Kunsill.**
Is-Sindku spjega li kienet intalbet linja gwida minghand id-dipartiment fuq din it-tender u peress li ma' kienx hemm qbil fuq l-interpretazzjoni tar-risposta, s-Sindku propona li terga' tohrog tender ohra. Kulhadd kien favur li tohrog tender ohra minbarra il-Kunsilliera Robert Piscopo u Oliver Mallia li astjenew.

*Il-Kunsillier Robert Piscopo hareg mil-laqgha 1949*

18. **Estensjoni ghall kuntratt tal-Green MT**
Billi ghaddiet sena mill kuntratt tal-Green MT u wasal biex jiggedded, saret diskussjoni qasira fuq jekk ghandux jerga' jiggedded ghall-sena ohra. Saret votazzjoni, kulhadd favur minbarra Graziella Galea li astjeniet.

19. **Pelican Lights fin-nizla tax-Xemxija.**
Inqrat ittra minghand il-Perita ta' TM fejn talbet biex tigi downgraded wahda mil-pelican lights li hemm fin-nizla tax-Xemxija. Is-Sindku Raymond Tabone spjega li kollha ghandhom l-importanza taghhom u ghalhekk kienu saru primarjament. Ghaldaqstant jekk ghandhom xi proposta TM ghandhom jikkonsidraw l-importanza u l-uzu ta' kull wahda.

20. **Bocci Club – KNDP u bandli godda.**
Is-Sindku qara ittra minghand il-KNDP li l-klabb tal-bocci f'Tat-Thassalin mhux konformi ghall persuni b'dizabilita u ghaldaqstant ghandhom jittiehdu passi rimedji qabel isir xi zvilupp fuq l-istess font. Minhabba dan qieghed jinstab sit iehor fejn isiru l-bandli fuq l-area fejn hemm is-simenta. Jekk isir, hemm post iehor in-naha ta' fuq fejn jitkabbar l-promenade u tittiehed bicca mill-hamrija fuq il-parti t'isfel. Huwa qal li hemm bizzejjed spazju biex isiru l-bandli u ma' jitnehhew l-ebda sigar – anzi jsiru parti mill bandli. Dawn il-possibiltajiet ser jghaddu lill Perit tal-Kunsill. Hemm qbil unanimu fuq dan.
Is-Sindku Raymond Tabone kompla jghid li l-kunsill huwa kommess li jsiru aktar bandli fil-lokalita, dan peress li tlesta x-xoghol fuq il-bandli godda fi Gnien Parades kif ukoll il-parkegg wara l-BOV. Tlesta wkoll parkegg gdid fejn Casa Serena u ser jibda x-xoghol fuq bandli godda fi Triq il-Luzzu fi Triq il-Qawra. Spjega li billi tlestew xogholijiet ta' manutenzjoni estensiva fuq il-bandli ta'

Burmarrad fejn tbiddel l-equipment kif ukoll biddilna u ghamilna bandli godda fil-bandli tal-Vecc – l-Kunsill ser jara li nibdew progetti godda. Il-Kunsillier Oliver Mallia semma wkoll biex nistharrgu l-possibilta li jsiru bandli fejn it-Terragon.

21. **Skateboard u BMX park.**
Is-Sindku Raymond Tabone propona li jsir skateboard park kif ukoll park ghall BMX fejn it-tfal ikunu jistghu jilghabu. Dan ghandu jsir fil-Qawra wara l-parkegg tas-Santana Hotel. Saret votazzjoni u kien hemm qbil unanimu fuq dan. Ghaldaqstant ghandu jintalab lill Perit biex jinbeda l-process.

22. **Claim ta' flus.**
Is-Sindku Raymond Tabone qara ittra minghand student Germaniz fejn talab li jiehu lura l-flus li hallas minhabba li kien involut f' accident fejn waqa' arblu tad-dawl u kellu jhallsu. Is-Sindku flimkien mall-kunsilliera raw li fir-ritratt tal-istess arblu tad-dawl li kellu hafna sadid. Graziella Galea qalet li ghandna niehdu parir minghand l-avukat. Peress li l-kumplament tal-kunsilliera qalu li ma' hemmx ghalfejn ta' dan, is-Sindku talab ghall votazzjoni jekk ghandux jithallas jew le. Saret votazzjoni fuq din u kulhadd qabel minbarra Graziella Galea li astjeniet. Ghaldaqstant gie deciz li ssir ir-rifuzjoni tal-flus.

23. **Bibita ghall zmien il-Milied.**
Bhal kull sena s-Sindku Raymond Tabone qal li fi zmien il-Milied terga' ssir il-bibita ghall-haddiema tal-Kunsill kif ukoll il-kuntrattur li jahdmu bil-lokalita taghna. Dan bhala ringrazzjament tas-servizz u ghandhom ikunu mistiedna haddiema taht diversi skemi assenjati mall-Kunsill.

24. **Fireworks Festival 2015**
Is-Sindku spjega li ga bdew il-preparamenti ghall festival tan-nar li jsir kull sena fil-lokalita taghna. Din is-sena hemm il-hsieb li jsir fil-25 t'April 2015. Aktar dettalji jinghataw il-quddiem.

25. **Hargiet kulturali mill-Kunsill.**
Is-Sindku Raymond Tabone spjega kif il-Kunsill ghandu l-hsieb li jkompli l-hargiet kulturali bhal kif kien isir qabel. Il-Kunsilliera Galea qalet li ga intbghatet email biex ninformaw lin-nies b'dawn qabel saret l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li ghalhekk qed tissemma fil-laqgha biex l-istess Kunsill ikun infurmat b'dan. L-ewwel harga ser issir b'xejn u transport jithallas mill-Kunsill. Sussegwitament il-hargiet jibda jintalab hlas ta' €2 ghat-trasport.

26. **Tender tat-trasport**
Gie deciz li tohrog tender gdida ghat-trasport ghall – anzjani li juzaw id-day centre tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**Affarijiet ohra.**

27. **Performance bonus tas-Segretarju.**
Is-Sindku Raymond Tabone talab lill Kunsilliera prezenti li wasal iz-zmien sabiex jigi approvat il-performance bonus tas-segretarju ezekuttiv biex dan jintlahaq jigi approvat mid-dipartiment u jithallas sal-ahhar ta' Dicembru mall-haddiema l-ohra. Ghaldaqstant intalbet l-approvazzjoni biex jinghata l-full performance bonus bhas-sena l-ohra. Kulhadd approva minbarra Anne Fenech u Graziella Galea li astjenew.

28. **Ground tal-Football – Sirens.**
Is-Sindku Raymond Tabone spjega lil Kunsill li hemm proposta li c-cint fuq in-naha tat-triq tal-ground tal-football huwa baxx wisq u ghaldaqstant ghandu jittella ghall-erba' filati peress li n-nies jitilaw fuqhom u hemm il-biza li jaqghu. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

29. **WIFI** Is-Sindku Raymond Tabone qal li l-Kunsill ghandu jistharreg il-possibilta li nzidu s-servizz tal-WIFI hdejn il-knisja ta' San Pawl, Santana u hdejn il-ground tal-football. Kunsilliera Mandy Buhagiar qalet li ahjar intejbu wkoll is-servizz tal-Wifi ezistenti u Graziella Galea qalet li minflok inzidu aktar WIFI spots ghandna ntejbu li hemm.

30. **Gnien Olimpiku.**
Hemm il-proposta li l-Kunsill ghandu jibda jiehu hsieb li tinxtghel it-torca ta' Gnien Olimpiku u jekk hemm bzonn xi xoghol ta' manutenzjoni terga tissewwa.

31. **Bankini godda.**
Is-Sindku Raymond Tabone spjega li bhalissa ghaddejjin bi program ta' bankini godda fil-lokalita u bhalissa ghaddejjin b'xoghol fuq bankini fi Triq il-Bahhara, hdejn l-ghassa tal-Qawra u diversi triqat ohra.

32. **Laqgha Pubblika.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li ghanda ssir laqgha ta' konsultazzjoni mar-residenti halli naraw x'inhuma l-ilmenti taghhom . Hemm il-hsieb ukoll li ssir laqgha mas-sidien tal-garaxxijiet tal fekruna minhabba l-problema li hemm fis-soqfa u l-accessibilta mit-triq ta' fuq ghall-isfel.

**Interventi tal-Kunsilliera.**
**Oliver Mallia.** Il-Kunsillier Oliver Mallia qal li ghandu ritratti u stampi li juru kif kien it-torri ta' Wignacourt fil-passat u qal ukoll li jixtieq kieku xi darba jerga' jinbena kif kien originarjament.
**Mandy Buhagiar** Gibdet l-attenzjoni li d-dawl tal-promenade qighed jibqa' mixghul u jintefa fis-sitta meta jkun ghadu d-dlam. Kompliet ukoll tghid li d-dawl gdid fi triq it-Trill ghandu jizdied u jsir ahjar tindif fit-tela tal-Beachheaven. Gibdet l-attenzjoni wkoll li l-planters fi Triq San Geraldu nixfu u ghandhom jinbidlu.
**Mario Buhagiar.** Gibed l-attenzjoni li fejn is-Centre Strip ta' Burmarrad hemm bus stop il-fuq minn Bonnici li jzomm hafna traffic – dan ghandu jiccaqlaq u jigi fuq in-naha ta' gewwa. Jekk possibli ghandu jitpogga sleeping police biex jonqos l-abbuz.
**Graziella Galea.** Gibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm diversi rapport fuq ir-recycling. Kompliet ukoll li qed ikun hemm diversi hawkers fil-lokalita. Is-Sindku qal li ga sar rapport lill pulizija fuq dawn.
**Mario Salerno** gibed l-attenzjoni biex jitnaddaf il-water culvert hdejn il-knisja ta' Burmarrad. Huwa kompla jghid li fuq il-Gal Majjistral ghandu jsir appuntament ma' Marisa Marmara biex naraw kif bhala Kunsill mhux qieghdin rapprezentati.
**Anne Fenech** qalet li hemm diversi lmenti minghand in-nies minhabba li wardens qed iharrku lin-nies fis-6.40 meta lanqas suppost ikunu xoghol. Hija qalet ukoll li din is-sena terga' ssir il-borza tal-helu lit-tfal u titqassam bil-fun train. Hija kompliet tghid li l-van tal-Kunsill qed jidher wara is-7.30pm. Is-Sindku Raymond Tabone spjega li gieli kien hemm rapport ta' qtates jew grieden u jitlob lill *handyman* tal-Kunsill imur inehhi l-periklu.

33. **Aggornament tal-laqgha**. Il-laqgha intemmet fid-8.46pm u giet aggornata ghall nhar il-Gimgha 21 ta' Novembru fis-6pm.

Raymond Tabone MBA-/Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop LIMIS, MBA, MPHIL (Maastricht)
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.